27 ta' Awissu, 1947.

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Imħallef :

Andrea Sammut *versus* Giuseppa Sammut

**Provi — Appell — Valur Lokatizju — Ħomina ta' Perit — Art. 762 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-fatt li l-Qrati Tagħna tat-Tieni Istanza dejjem irritenew illi r-regolament tal-provi quddiem il-Qorti ta' l-Ewwel Grad huwa fid-diskrezzjoni ta' dik il-Qorti, sakemm ma jkunx hemm dannu irriparabili lill-parti l-oħra, ma jfissirx li din il-ġurisprudenza tammonta għall-inappellabilità tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti; salv li l-Qorti ta' l-Appell tara mbagħad jekk għandhiex tidħol f'dik id-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jew le.*

*Meta l-Qorti ssib illi l-valur lokatizju għall-finijiet tal-kompetenza ma huwx determinat u li hemm in-neċessità li jiġi determinat għaliex mill-elementi li jkollha quddiemha ma tħossx li għandha biżżej-*

*jekk biex jiġi stabbilit dak il-valur, allura jkun hemm il-bżonn li jiġi nominat perit ħalli jistabbilixxi l-valur lokatizju tal-fond fil-kwistjoni għall-finijiet tal-kawża.*

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut biex jiżgombra d-dar numri 12 u 13, Triq San Ġwann, in-Naxxar, kif obbliga ruħu li jagħmel b'kuntratt tal-24 ta' Mejju 1947, u li qiegħed jokkupa mingħajr titolu;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fil-11 ta' Lulju 1947, fejn ġie deċiż illi l-valur lokatizju tal-fond mhux biżżejjed determinat ħalli tista' tiddeċidi dwar l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, u għalhekk inkarigat perit għal dak il-fini, ħalli jistabbilixxi l-valur lokatizju tal-fond; wara li kkunsidrat;

Illi mentri l-prezz imħallas mill-attur ma jistax iservi bħala bażi ċerta u univoka tal-valur lokatizju tal-fond in kwistjoni, anqas ma jista' jservi għal dan l-iskop l-avviż li sar lill-Land Valuation Officer, għaliex dawk l-avviżi saru arbitrarjament mid-denunzjanti, u għalhekk il-valur lokatizju tal-fond ma jinsabx stabbilit b'mod illi l-Qorti tista' tiddeċidi l-eċċezzjoni; illi lanqas jistgħu jiġu applikati l-artikoli 757 u 758 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, għaliex il-konvenuta m'hijiex inkwilina, iżda okkupatriċi mingħajr titolu, u għalhekk fl-assenza ta' dati preċiżi l-Qorti għandha tmur fuq l-art. 762 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, peress illi l-kompetenza tal-Qrati hija ta' ordni publiku;

Rat ir-rikors tal-konvenuta, fejn talbet illi dik id-deċiżjoni tiġi revokata u jkun dikjarat illi l-valur in kawża huwa inċert u indeterminat, u mhux determinabili bir-regoli tal-kompetenza relativi għall-każ ta' żgumbrament; bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-attur fejn eċċepixxa illi dik id-deċiżjoni mhijiex appellabili, u għalhekk talab in-nullità ta' dak l-appell;

*Omissis;*

Tikkunsidra fuq l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità;

Illi għalkemm il-Qrati Tagħna tat-Tieni Istanza dejjem irritenew illi r-regolament tal-provi huwa fid-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, sakemm ma jkunx hemm dannu irriparabili lill-parti l-oħra, però din il-ġurisprudenza ma tammontax għal inappellabilità; il-kawża tibqa' dejjem appellabili, salv li din il-Qorti għandha tara tidħolx jew le f'dik id-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti;

Għalhekk tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità u tan-nullità, u bl-ispejjeż kontra l-appellat;

Tikkunsidra fuq l-appell interpost;

Illi l-gravam ta' l-appellanti huwa illi l-Ewwel Qorti ma setgħetx tinnomina perit biex jara kemm huwa l-valur lokatizju tal-post, peress illi f'dan il-każ ma hawnx lokazzjoni, "ex admissis", u għalhekk ir-regoli tal-lokazzjoni huma inapplikabili. Iżda la darba l-konvenuta, tajjeb jew ħażin, qiegħda tokkupa post urban u tirrifjuta toħroġ minnu, għar-raġunijiet tagħha, anki jekk ġurnata jiġi deċiż illi hija ma għandhiex toħroġ minn dak il-post sa ċertu żmien, għal dak il-perijodu hija ċertament ikollha tħallas somma ta' flus korrispondenti għall-valur lokatizju ta' dak il-post. U għalhekk huwa assolutament neċessarju li jiġi stabbilit x'inhu l-valur lokatizju ta' dak il-post;

Tikkunsidra;

Illi la darba l-Qorti ma qagħdetx fuq li "statement" mogħti fil-Land Valuation Office, peress ma hawnx fil-każ vera u proprja lokazzjoni, għaliex kieku dak huwa l-kera tal-post sakemm ma jitbiddelx mill-Board tal-Kera, u dan skond il-Liġi tal-Kera ta' l-1944, u dik il-Qorti ġustament ma ħassetx li tista' tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq dik id-dikjarazzjoni, il-valur lokatizju huwa inċert, u allura kellha neċessarjament tapplika l-art. 762 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u tinnomina perit ħalli, għall-fini ta' din il-kawża biss, jistabbilixxi liema huwa l-valur lokatizju għall-okkupazzjoni ta' dak il-post, li ġurnata l-appellanti, anki jekk tirbaħ, ikollha neċessarjament tħallas;

Tikkunsidra;

Illi r-regola tal-liġi hija illi l-valur inċert jew indeterminat joħroġ mill-ġurisdizzjoni tal-Qorti Inferjuri; iżda mbagħad il-liġi tagħti l-mod kif il-valur jista' jiġi determinat; u jekk dawk il-modi huma inapplikabili, tista' ssir stima ta' periti, salv dak li jgħid l-artikolu 748 (2);

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-appell tal-konvenuta, u in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ tordna illi l-ispejjeż ma jkunux taxxati; id-dritt tar-reġistru kontra l-konvenuta appellanti.